# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 445/2018 JPG**

**Kawza Numru : 32**

**NC**

**vs**

**SG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NC detentur tal-Karta tal-identita' bin-numru X, datat 3 ta' Ottubru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzeweg lill-intimata SG nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989), hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tlett (3) ulied, u cioe' N u S li huma maggorenni u spiccaw l-istudji taghhom, u H li ghandha sittax (16)-il sena u ghaldaqstant ghadha minuri;*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Claire Camilleri datat nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), kopja*

*ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok 'B';*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot ghar-rikonciljazzjoni bejniehtom peress li ilhom snin twal mifruda, u barra minn hekk illum ghanhdom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-esponenti u l-intimata kienu ddekadew mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minn xulxin;*

6. *Illi kien hemm ftehim kongunt bejn il-kontendenti permess ta' skrittura privata ta' nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) fjen qablu li l-intimata ma ghandha taghti l-ebda ammont bhala manteniment versu l-minuri H, stante ekwiparazzjoni, liema skrittura flimkien mal-kopja tac-cekkijiet bhala evidenza ta' hlas qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala doks 'C'u 'D';*

7. *Illi dawk l-fatti kif premessi jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata ccelebrat nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin (1989), huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sabiex entro t-termini ffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**NC** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Settembru 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-18 ta' Settembru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SG** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw*

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Settembru, 1989 (Vide Dok. A) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett (3) itfal, tnejn maggorenni, u wahda minorenni;

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri, datat 18 ta' Settembru 2014 (Vide Dok.B);

Jinsab stabbilit ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**